# Ineffettiv

minn Andrè Mifsud

Inħoss li maż-żmien
żbaljajt fil-perċezzjoni dwar dak li jien.

U issa li ndunajt,
intlift infittex tweġiba għal domanda
li jaf staqsejt ftit tard.

Intbaħt li ma sirt xejn
għajr moqdief bla frejgatina
għajr envelop bla bolla
arloġġ bla minutiera
qarrej illitterat;
kelliem ma' folla torox
pittura quddiem għama
attur mingħajr udjenza
kittieb ma jifhmu ħadd.

Inħossni sirt poeta
li l-eżistenza tiegħu hi dak kollu li sirt inti,
li tajtek u kkunsmajt;
sakemm insejt min jien
li qed niktiblek dan il-kliem,
li qaddej ridtek tagħmilni
f'did-dinja li kreajt.

Inħossni li sirt int

għax sirt inħossok wisq ġo fija...
tant li l-unika jien li mhux int
hu xħin nikteb il-poeżija;
għax m'hemmx int tiddetta kif.

Imm'issa nfiltrajthieli;
int sirt kull poeżija li nikteb,
u jien sirt għalkollox
ineffettiv.